MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 3512/1996/1

**Jimmy Sacco.**

**vs**

**Francis *sive* Frans Mallia.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 19 ta' Dicembru 1996 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmelo Farrugia Sacco fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-fond "Occas", Triq il-Wej, Mosta, liema fond jigi jmiss mal-fond proprjeta` tal-konvenut, mibni fuq il-Plot 11, Alley 6, New Street in Main Street, Mosta;

Illi recentement il-konvenut saqqaf parti mill-bitha tieghu, liema saqaf gie adjacenti ma’ parti mill-bejt ta’ l-attur, u dan minghajr ma ghamel l-opramorta mitluba mil-Ligi;

Illi *inoltre* l-konvenut fil-kors ta’ dawn ix-xoghlijiet, gholla hajt divizorju ta’ bejn iz-zewg fondi, minghajr ma dan gie mmusellat skond is-sengha u l-arti;

Illi *inoltre* l-opramorta li l-konvenut ghandu fuq il-bejt li tigi adjacenti mal-bejt ta’ l-attur, m’hijiex ta’ l-gholi rikjest mill-Ligi;

Illi ghalkemm debitament interpellat sabiex jaghmel ix-xoghlijiet rettifikatorji sabiex ix-xoghol li ghamel jkun skond il-Ligi, l-arti u s-sengha, il-konvenut baqa’ indempjenti;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-hajt divizorju li l-konvenut gholla recentement fil-fond Plot 11, Alley 6, New Street, Mosta, ma giex immusellat skond l-arti u s-sengha;

2. Tiddikjara li l-konvenut m’ghandux l-opramorta fuq il-parti tal-bejt tieghu adjacenti ma’ ta’ l-attur u fuq il-parti msaqqfa tal-bitha tal-fond *de quo*, skond il-Ligi.

3. Tikkundanna lill-konvenut biex jaghmel dawk ix-xoghlijiet necessarji sabiex il-hajt *de quo*, jigi mmusellat skond l-arti u s-sengha, kif ukoll biex jgholli l-opramorta fuq il-fond tieghu skond il-ligi fi zmien li jigi lilu prefiss, u fin-negattiv l-istess attur jigi awtorizzat li jaghmel ix-xoghol necessarju a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef C. Carmelo Farrugia Sacco ghas-seduta tal-15 ta’ Lulju 1997.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmelo Farrugia Sacco datati 15 ta’ Lulju 1997, 4 ta’ Novembru 1997, u tat-18 ta’ Frar 1998 fejn il-kawza giet differita ghall-25 ta’ Mejju 1998.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Mallia datata 4 ta’ Novembru 1997 a fol. 14 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti peress illi l-bini ta’ l-eccipjent huwa kollu mibni skond kif titlob is-sengha u l-arti – skond il-ligi civili – skond ir-regolamenti tal-bini.

2. B’ riserva li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri waqt is-smigh tal-kaz jekk jinqala’ l-bzonn.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ protest gudizzjarju datat 27 ta’ Marzu 1995 kontra l-attur li minn issa qed jigi ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Francis Mallia a fol. 14 u 15 tal-process.

Rat il-**kontro talba** tal-konvenut rikonvenzjonant kontra l-attur rikonvenzjonat datata 4 ta’ Novembru 1997 a fol. 15 tal-process fejn espona: -

Illi l-konvenut rikonvenzjonant huwa l-proprejtarju tal-fond mibni fuq Plot 11, Alley 6, New Street in Main Street, Mosta, filwaqt li l-attur rikonvenzjonat huwa sid il-fond li jmiss mieghu bl-isem ta’ “Occas” Triq il-Wej, Mosta;

Illi fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond tieghu, l-attur rikonvenzjonat ma esegwiex l-istess xoghlijiet skond kif

titlob is-sengha u l-arti – skond il-ligi civili u skond ir-regolamenti tal-bini;

Illi b'mod partikulari t-terrazzin fuq in-naha ta' wara u l-kcina ta' l-attur rikonvenzjonat ma humiex mibnija skond il-ligi u dan bi pregudizzju ghall-konvenut rikonvenzjonant;

Illi b'mod partikulari wkoll l-attur rikonvenzjonat ma zammx id-distanza li titlob il-ligi meta skava l-*plot* tieghu u *inoltre* l-istess skavazzjoni saret b'manjiera tant negligenti li kkawzat danni fil-proprjeta` tal-konvenut rikonvenzjonant fosthom fil-kamra tal-banju;

Illi l-attur rikonvenzjonat appoggja mal-proprjeta` tal-konvenut rikonvenzjonant u ghadu ma hallasx l-ammont dovut kemm ta' l-appogg u kif ukoll ta' l-art relattiva ghal nofs il-wisgha tal-hajt *stante* li l-hajt divizorju jinsab mibni internament fuq il-proprjeta` tal-konvenut rikonvenzjonant;

Illi l-attur rikonvenzjonat baqa' ma ottemporax ruhu mad-diversi nterpellanzi maghmula lilu mill-konvenut rikonvenzjonant inkluz permezz ta' protest gudizzjarju datat 27 ta' Marzu 1995;

Ighid ghalhekk l-istess attur rikonvenzjonat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex: -

1. Tiddikjara li t-terrazzin fuq in-naha ta' wara u l-kcina ta' l-attur rikonvenzjonat ma gewx mibnija skond il-ligi.

2. Tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat ma zammx id-distanzi rikjesti mil-ligi fl-iskavazzjoni tal-fond tieghu;

3. Tikkundanna lill-attur sabiex jaghmel dawk ix-xoghlijiet necessarji sabiex jikkonforma ruhu mal-ligi ghal dak kollu li jirrigwardja l-bini tal-proprejta` tieghu nkluz it-terrazzin fuq wara, il-kcina u l-iskavazzjoni biswit il-proprjeta` tal-konvenut okkorrendo permezz ta' periti nominandi u fin-negattiv l-istess konvenut rikonvenzjonant jigi awtorizzat li jaghmel ix-xoghlijiet ordnati mill-Qorti huwa stess a spejjes ta' l-attur rikonvenzjonat;

4. Tiddikjara li l-attur huwa responsabbli ghal hlas ta' l-appogg inkluz ta' l-art li tokkupa l-wisa' tal-hajt divizorju;

5. Tiddikjara li l-attur huwa responsabbli ghad-danni sofferti fil-proprejta` tal-konvenut liema hsarat gew kagonati meta l-attur kien fil-kors ta' skavazzjoni u tal-bini tal-proprejta` tieghu;

6. Tillikwida l-valur ta' l-appogg u l-ammont tal-hsara dovuta mill-attur a favur tal-konvenut okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

7. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut l-ammonti kif fuq likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li minn issa qed jigi ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenzjonant a fol. 16 u 17 tal-process.

Rat ix-xhieda flimkien ma zewg dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok "A" u Dok "B" kif jidhru a fol. 19 u 20 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat datata l-20 ta' Novembru 1997 a fol. 23 tal-process fejn eccepixxa :-

1. Illi t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonat huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi l-bini ta' l-attur u l-iskavazzjoni saret skond l-arti u s-sengha u r-regolamenti tal-bini;

3. Illi kull talba tal-konvenut rikonvenzjonat hija preskritta;

4. Illi kull talba tal-konvenut rikonvenzjonat ghall-appogg, hija wkoll preskritta.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur rikonvenzjonat u l-lista tax-xhieda a fol. 23ª tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri datati 25 ta’ Mejju 1998 fejn Dr. Mario de Marco rigwardanti t-talba ghad-danni sostna li din l-istess hija preskritta a bazi ta’ l-**artikolu 2153 tal-Kap 16** u fir-rigward tat-talba ghall-hlas ta’ appogg it-talba hija preskritta bil-preskrizzjoni prevista fl-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16;** 7 ta’ Dicembru 1998, 23 ta’ April 1998 fejn gie nominat il-Perit Andrew Ellul bhala Perit Tekniku; 3 ta’ Novembru 1999, 21 ta' Frar 2000 fejn gie revokat l-inkarigu tal-Perit Tekniku; 15 ta’ Marzu 2000; 7 ta’ April 2000 fejn reggha gie nominat l-istess perit tekniku; u l-ordni tas-26 ta’ Mejju 2000 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti hekk presjeduta ghas-17 ta’ Ottubru 2000.

Rat id-digriet datat 23 ta’ April 1999 fejn gie nominat bhala Perit Tekniku lill-AIC Andrew Ellul sabiex jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici kif ukoll tad-domandi rikonvenzjonali wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet kemm fir-rigward tat-talbiet attrici kif ukoll fir-rigward tat-talbiet rikonvenjonali u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha opportuni ghall-kaz. Il-Perit Tekniku ghandu jisma’ l-provi wkoll dwar il-preskrizzjonijiet eccepiti pero` huwa ma ghandux jirrelata fuq l-istess eccezzjonijiet. Il-Perit Tekniku nghata l-fakoltajiet kollha li s-soltu jinghataw il-Periti nkluza dik li jiddeferixxi l-gurament lix-xhieda. Dan l-inkarigu nghata a spejjez provizorjament ta’ l-attur. Il-kawza giet differita ghat-3 ta’ Novembru 1999 ghar-relazzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif illum presjeduta tas-17 ta’ Ottubru 2000, 4 ta’ April 2001, 9 ta’ Ottubru 2001,u tal-31 ta’ Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita ghar-rapport quddiem il-Qorti diversament presjeduta ghas-26 ta’ April 2002.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna u l-verbal tas-seduta ta' l-istess Qorti mizmuma fil-25 ta' Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-24 ta' Jannar 2003 ghar-rapport.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 24 ta' Jannar 2003, 9 ta' April 2003, 4 ta' Gunju 2003, 31 ta' Ottubru 2003, 27 ta' Frar 2004, 11 ta' Mejju 2004, 8 ta' Ottubru 2004, 4 ta' Novembru 2004, 8 ta' Frar 2005, 8 ta' April 2005, 13 ta' Mejju 2005, 9 ta' Gunju 2005, 11 ta' Ottubru 2005, u 4 ta' Novembru 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher il-Perit Andrew Ellul u nforma l-Qorti li ghadu ma thallasx tad-drittijiet tieghu. Ma deher hadd ghan-naha attrici u ghalhekk il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta' l-attur datata 10 ta' Novembru 2005 a fol. 81 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha terga' tqieghed il-kawza fl-ismijiet premessi fuq il-lista sabiex tkun tista' tigi trattata u deciza; rat id-digriet tal-11 ta' Novembru 2005 moghti mill-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri; u l-Qorti hekk presjeduta, bid-digriet taghha moghti fid-19 ta' Jannar 2006 laqghet it-talba u appuntat il-kawza ghat-2 ta' Frar 2006, b'dan li l-attur ghandu jgharraf lill-Perit Tekniku Andrew Ellul sabiex jahlef ir-rapport u l-kawza hija hekk appuntata sabiex jinhalef ir-rapport u ezami ta' l-istess.

Rat in-nota ta' l-attur datata 10 ta' Jannar 2006 a fol. 89 tal-process fejn biha esebixxa kopja ta' l-ircevuta (Dok "A") li tindika li r-rapport mahrug mill-Perit Tekniku gie minnu mhallas.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku pprezentat fid-29 ta' Marzu 2005 u mahluf *seduta stante* fis-seduta tat-2 ta' Frar 2006, il-verbali tas-seduti quddiemu mizmuma, inkluza x-xhieda kollha quddiemu prodotta, bid-dokumenti kollha pprezentati, l-istess rapport flimkien ma' dak kollu hawn indikat jinsab esebit minn fol. 95 sa fol. 141 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif illum presjeduta tat-2 ta' Frar 2006 u tal-4 ta' April 2006 fejn xehed il-Perit Andrew Ellul in eskussjoni. Il-Qorti nkarigat lill-Perit Tekniku biex jistabbilixxi l-valur ta' l-appogg u min hu responsabbli ghall-hlas ta' l-appogg u dan a spejjez provizorjament tal-konvenut. Il-kawza giet differita ghall-prezentata tar-rapport addizzjonali ghall-14 ta' Gunju 2006; tal-14 ta' Gunju 2006; u tat-8 ta' Novembru 2006 fejn il-Perit Tekniku halef ir-rapport addizzjonali.

Rat ir-rapport addizzjonali tal-Perit Tekniku Andrew Ellul mahluf *seduta stante* fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2006 liema rapport jinsab esebit a fol. 159 sa fol. 162 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur Jimmy Sacco datata 22 ta' Marzu 2007 (fol. 170).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tal-konvenut Francis Mallia datata 27 ta' Marzu 2007 (fol. 177).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tas-7 ta' Frar 2007 fejn il-partijiet inghataw il-fakolta jipprezentaw nota ta' osservazzjonjiet fit-termini hemm indikati u tal-4 ta' Ottubru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Rafael Fenech Adami ghall-konvenut prezenti u Dr. Mario de Marco ghall-attur prezenti. Dr. Mario de Marco ddikjara li x-xoghlijiet mitluba fic-citazzjoni attrici saru kollha fil-mori tal-kawza hlief ghall-immursellar tal-hajt divizorju b'dan pero' li ddikjara li mhux ha jinsisti fuq l-ewwel talba izda peress li l-istess hajt inbena mill-konvenut tibqa' r-responsabbilita' tal-konvenut. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dwar l-azzjoni attrici din hija kawza fejn l-attur bhala proprjetarju tal-fond “Occas”, Triq il-Wej, Mosta kontigwu ghal dak tal-konvenut Plot 11, Alley 6, New Street, in Main Street, Mosta u fejn l-attur talab li jigi ddikjarat li l-hajt divizzorju li gie mtella’ mill-konvenut ma kienx immusselat skond l-arti u s-sengha, u talab sabiex l-opramorta ssir skond il-ligi. Ghal dan il-konvenut sostna l-bini tieghu sar qabel dak ta’ l-attur u kollu sar skond il-ligi.

Illi fil-kontro-talba tieghu l-konvenut sostna li l-attur ghandu terrazzin u kcina mhux skond il-ligi u dan bi pregudizzju ghalih; sostna li meta l-attur haffer il-plot tieghu ma zammx id-distanza legali u b’hekk gew ikkawzati danni fil-proprjeta’ tieghu, u li l-attur appoga mal-hajt tal-konvenut u baqa’ ma hallasx ghall-istess appogg. Ghal dan l-attur irrisponda li kull skavazzjoni u bini saru skond il-ligi u li kull talba tal-konvenut ghad-danni hija preskritta skond l-**artikolu 2153** (ara verbal datat 21 ta’ Ottubru 1998 – fol. 28), u dik ghall-hlas ta’ appogg hija preskritta abbazi ta’ l-**artikoli 2156 (f) tal-Kap 16** (wkoll indikat fl-istess verbal).

Illi fir-rapport tal-perit tekniku datat 20 ta’ Marzu 2005 (fol. 94) dan sostna li l-bitha tal-konvenut u dik ta’ l-attur ma sarux skond il-ligijiet sanitarji ghaliex sar bini fihom aktar milli suppost; il-hajt divizzorju huwa fi stat tajjeb, b’dan li l-attur ghandu jithalla jaghmel manutenzzjoni ta’ l-istess hajt; l-opramorta saret waqt il-mori tal-kawza, u li l-hsara allegata mill-konvenut fil-kamra tal-banju tieghu ma setghatx tigi attribwita lill-attur peress li kien hemm xoghlijiet li kienu qed isiru fi *plots* ohra.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-ewwel talba attrici ma tistax tigi milqugha ghaliex ma gietx ippruvata; f’dan il-kuntest l-attur sostna fil-verbal tal-4 ta’ Ottubru 2007 li huwa ma kienx ser jinsisti fuq l-ewwel talba ghalkemm zamm lill-konvenut

responsabbli ghal kull hsara li ssir fl-istess izda fl-istess waqt qatt ma ceda l-istess talba, talba li giet rigettata mill-perit tekniku li spjega li huwa sab li x-xoghol sar sew; dwar l-opramorta jirrizulta li hemm qbil li din ittellghet mill-konvenut fil-mori tal-kawza u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba u tat-tielet talba attrici in kwantu din l-ahhar talba tikkoncerna l-gholi ta’ l-opramorta.

Illi dwar it-talba tal-konvenut ghad-danni allegatament ikkawzati mill-attur fil-fond tal-konvenut din il-Qorti thoss li l-konkluzjoni tal-perit tekniku Andrew Ellul kemm fir-rapport tieghu u kemm fl-eskussjoni tieghu huma cari u konsistenti fis-sens li mill-provi prodotti ma setghax jasal ghall- konkluzjoni li l-hsara allegatament sofferta mill-konvenuti kienet ikkawzata mill-istess attur u dan ghaliex spjega li fil-fatt kien sar tqattiegh fi plots ohra. Din il-konkluzjoni hija fil-fatt konsonanti ma dak li xehed il-Perit Brian Ebejer f’dan ir-rigward, u din il-Qorti wara li rat ix-xhieda kollha prodotta, thoss li f’dan il-kuntest, l-konvenuti ma rnexxielhomx jissodisfaw l-oneru ta’ prova li kien jispetta lilhom – b’dan li ma giex ippruvat li l-hsara lamentata mill-konvenut giet ikkawzata mill-attur u b’hekk din il-Qorti thoss li f’din l-istanza ghanda toqghod fuq il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, li jirrizulta li huma konsistenti mal-provi prodotti f’din il-kawza.

Illi apparti dan f’dan il-kaz il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-hsara lamentata mill-konvenut kienet gja tezisti meta mar il-Perit Brian Ebejer meta kien tlesta x-xoghol u cjoe’ xi sentejn wara li kien inkarigat jaghmel il-pjanta tal-plot fil-1991, u dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-Perit Aquilina li kkonferma li t-tqattiegh lamentat kien sar fis-sena 1992 u ghalhekk  jidher li l-azzjoni attrici dwar l-allegati danni  kieku gew ppruvati kienet tkun preskritta skond l-**artikolu 2153 tal-Kap 16** peress li l-kontro-talba giet ipprezentata f’Novembru 2007.

Illi dwar il-protest gudizzjarju, (li ma jirrizultax meta gie notifikat), li allegatament gie pprezentat fis-27 ta’ Marzu 1995, jirrizulta mhux biss li kien gie pprezentat  wara li kienu ghaddew is-sentejn minn meta saret l-allegata

hsara li l-konvenuti attribwew ghat-tqattiegh ta' blat mill-attur, u b'hekk it-terminu ta' preskrizzjoni kien gja ghadda, izda jidher li l-istess att gudizzjarju qed jirreferi ghal xoghol ta' kostruzzjoni u mhux dak ta' eskavazzjoni.

Illi dwar l-ewwel talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu fejn qed isostni li l-bitha u l-kcina ta' l-attur ma nbnewx skond il-ligi, jirrizulta li l-ilment huwa dwar ligijiet sanitarji, u jekk wiehed ihares lejn ix-xhieda prodotta hemm riferenza li dawn ma sarux skond il-premessi tal-bini. Jidher li l-perit tekniku rrelata li z-zewg partijiet ghandhom il-bitha mhux skond il-ligi ghaliex ma sarux skond il-ligijiet sanitarji, izda din il-Qorti thoss li fir-rigward tat-talba tal-konvenut ma jidhirx li huwa ghandu interess guridiku f'tali dikjarazzjoni u dan anke peress li l-istess konvenuti lanqas biss ghamlu tentattiv sabiex jispjegaw ghaliex ghamlu din it-talba u fejn qed taffetwalhom xi interess guridiku li ghandhom.

Illi anzi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz il-konvenut ma pprova bl-ebda mod kif din qed taffetwah u mill-provi prodotti jirrizulta nieqes ghal kollox li hemm xi interess guridiku f'tali dikjarazzjoni segwieta mill-konvenut f'din il-kawza u f'dan il-kuntest jinghad ukoll li ma gie ppruvat u lanqas vantat li  qed jigi lez xi dritt reali jew personali ta' l-istess konvenut.

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et"** (A.C. (JSP) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet:-

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa 'l'utilita' finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita esistenza o violazione del diritto'. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista' tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta' l-awtorita' gudizzjarja".*

Illi kif gie ritenut fis-sentenza ta' din l-Qorti fil-15 ta' Lulju 1952 (Vol.36. ii. 493), fl-ismijiet **"Edgar Baldacchino vs Rosie Bellizzi et"** li:-

*"Citazzjoni tista' ssir biex tinghata semplici dikjarazzjoni, u ma hemmx bzonn bilfors li tintalab dejjem kundanna … biss, min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata e inammissibile'.*

Illi hekk ukoll fis-sentenza **"Alexander Eminyan vs John Mousu' pro et noe et"** (A.C. 28 ta' Frar 1997 - Vol. LXX1. ii.429) l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir u dan gie kkonfermat fis-sentenza **"Saviour Scerri et vs Salvu Farrugia et"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) u wkoll fis-sentenza **"Dentist Gerald Zammit vs Alfred Borg"** (P.A. (GCD) – 20 ta' Novembru 2003). F'dan il-kaz dan l-element fir-rigward ta' l-ewwel talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu huwa ghal kollox mankanti u b'hekk din il-Qorti qed taqbel ma' dak sottomesss f'dan il-kuntest mill-attur fis-seba' paragrafu tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu. Dan qed jinghad ukoll bla pregudizzju ghall-fatt li l-punt ta' nuqqas ta' interess guridiku jista' jitqajjem mill-Qorti *ex officio* (A. C. **"Kevin Chircop vs Joseph Chircop"** - 1 ta' Dicembru 2006; M (Ghawdex) A.N. **"Francis Schembri vs Angelina sive Lina Schembri"** – 2 ta' Novembru 2007).

Illi dwar it-talba tal-konvenut ghall-hlas ta' appogg jirrizulta li l-ammont ta' appogg li l-konvenut qed jippretendi li jithallas huwa dak ta' €841.28 (Lm361.16) u dan skond rapport ultejruri tal-istess perit tekniku Andrew Ellul mahluf fit-8 ta' Mejju 2006 (fol. 161).

Illi dwar dan inghatat l-eccezzjoni li tali talbiet konnessi mal-istess huma preskritti abbazi ta' l-**artikoli 2156 (f) tal-Kap 16,** u l-attur jallega li l-appogg sar fis-snin 1990 jew 1991 u saret riferenza ghax-xhieda tal-Perit Brian Ebejer (xhieda 30 ta' Ottubru 2001) u Jimmy Sacco (xhieda tat-30 ta' Ottubru 2001) li bena d-dar tal-attur.

Illi izda din il-Qorti thoss li din is-sottomissjoni tal-attur ma tistax toqghod fuqha, peress li gie ppruvat li fil-fatt it-tqattiegh tal-blat u l-bini sar wara tali snin u dan jirrizulta anke mix-xhieda tal-Perit Brian Ebejer stess li jghid biss li kien mar jara l-post tal-konvenut qabel ma sar it-tqattiegh tal-blat fil-fond tal-attur fis-sena 1991, u jidher li l-bini ta' l-istess fond dam biex sar ghaliex jghid li wara tali terminu reggha mar ghand il-konvenuti wara li tlesta l-bini tal-attur u dan kien xi sentejn wara li kien mar l-ewwel darba; mhux hekk biss izda jidher mix-xhieda tal-Perit Godwin Aquilina li fis-sena 1992 kien qed jitqatta l-blat tant li kien hareg certifikat datat 21 ta' April 2002 (Dok. "FFM 4"), u b'hekk jirrizulta li l-appogg sar wara l-istess data; dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda tal-konvenut u martu u wkoll mill-persuna li attwalment kienet ghal ewwel qed thaffer fil-plot ta' l-attur, certu Charles Galea (affidavit – fol 135), u dan issemmi data anke wara; B'hekk din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' hames snin abbazi ta' l-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16** qed tigi michuda *stante* li ma jirrizultax ippruvat li l-istess terminu ghadda qabel il-prezentata tal-kontro-talba tal-konvenut fl-4 ta' Novembru 2007.

Illi dwar it-tieni talba fil-kontro-talba attrici din il-Qorti thoss li din ma gietx ippruvata u dan minkejja dak li kkonkluda l-istess perit tekniku u dan peress li fl-istess relazzjoni ma hemm spjegazzjoni ta' xejn ta' kif l-istess perit tekniku wasal ghal tali konkluzjoni b'dan li l-istess konkluzjoni f'dan ir-rigward ma giet bl-ebda mod motivata.

Illi mill-ezami tal-provi prodotti jidher li fil-waqt li dwar l-allegazzjonijiet tal-konvenut u martu hemm il-konferma tal-Perit Aquilina, izda min-naha l-ohra jidher li dawn gew ikkontestati u kontradetti mix-xhieda tal-Perit Brian Ebejer,

tal-attur u wkoll ta’ huh, u dan apparti li Charles Galea, li kien qatta parti mill-plot ta’ l-attur mkien ma xehed li ma zammx id-distanzi legali. Ghalhekk din it-talba qed tigi wkoll michuda peress li ma gietx ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel talba attrici u t-tielet talba attrici b’riferiment ghall-hajt divizorju, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici u mill-kumplament tat-tielet talba attrici ghaliex ix-xoghol relattiv dwar l-opramorta sar mill-konvenut fil-mori tal-kawza.

Bl-ispejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut,** din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni abbazi ta’ l-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16** fir-rigward ghat-talbiet tal-konvenut ghall-hlas ta’ l-appogg, **u fil-waqt li tichad l-ewwel, it-tieni, u t-tielet talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu ghar-ragunijiet hawn decizi, u tichad ukoll il-hames talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu u parti mis-sitt talba tal-kontro-talba** peress li ma giex ippruvat li l-attur ikkawza xi danni lill-konvenut kollox kif hawn deciz, **tilqa’ r-raba’, parti mis-sitt talba u s-seba’ talba tal-konvenut** biss inkwantu tirreferi ghad-dritt ta’ appogg kollox kif hawn deciz, b’dan illi:-

4. Tiddikjara li l-attur huwa responsabbli ghal hlas ta’ l-appogg inkluz ta’ l-art li tokkupa l-wisa’ tal-hajt divizorju;

6. Tillikwida l-valur ta’ l-appogg dovut mill-attur a favur tal-konvenut fl-ammont ta’ tmien mija u wiehed u erbghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu [€841.28] (Lm361.16);

7. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut l-ammont ta’ tmien mija u wiehed u erbghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu [€841.28] (Lm361.16) bhala valur ta’ appogg dovut.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------